**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 376/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Lee Caruana)**

**vs**

**Ahmad Yassine**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Ahmad Yassine, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 241807L quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli nhar l-14 ta' Novembru, 2016 gewwa dawn il-gzejjer meta hekk ordnat mill-Onorabbli Qorti, ippresjeduta mill-Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D,

datat nhar il-25 ta' Frar, 2016, kiser l-ordni ta' protezzjoni bin-numru ta' referenza 1127/15RGM, a favur ta' Manar Yassine, Zainab Yassine, Haydar Yassine, Hussein Yassine u Hassan Yassine.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Ottubru, 2018 li biha sabet lill-imputat Ahmed Yassine hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u wara li rat Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannatu sitt [6] xhur prigunerija u multa ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300);

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha 1) **thassar** u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena; 2) alternattivament li tbiddel il-piena mposta b'piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegat ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni mahruga fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-25 ta' Frar 2016, esebita in atti a fol 7 tal-atti processwali. Din l-ordni kienet tiprojbixxi lill-imputat appellant milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Manar Yassine u l-minuri hemm imsemmija, jew jikkuntattjahom u li jzomm distanza ta' mhux anqas minn mitejn metru kull fejn tkun tinsab l-istess Manar Yassine;

2. Il-kwerelanta kienet ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt, Valletta, dwar allegat ksur ta' din l-ordni fl-14 ta' Novembru, 2016 u dwar dan xehedet WPC 334 permezz ta' affidavit fejn spjegat illi Manar Yassine rrakkuntat illi aktar kmieni kienet attendiet il-Qorti dwar ksur ta' ordni ta' protezzjoni minn Ahmed Yassine u li ghall-habta tal-10.30am wara li t-tnejn li huma hargu mill-Qorti marru ghal triqiethom. Gara izda illi l-kwerelanta kienet ser tidhol tixtri minn kafetterija vicin il-Qorti u hemm lemhet lill-imputat u kif ser twarrab minn hemm, l-istess imputat qalilha xi kliem bl-ilsien Gharbi u b'hekk hassitha intimidata. Rrakuntat ukoll illi meta harget baqghet miexja izda l-imputat baqa' jsegwiha sakemm dahlet f'hanut tal-hwejjeg u hemm baqa' sejjer;

3. Fix-xhieda taghha quddiem l-ewwel Qorti li ragonevolment ghazlet li tirregistra d-deposizzjoni tax-xhieda

minkejja n-natura sommarja tal-kaz, l-kwerelanta li wara l-Qorti kellha l-hsieb li tidhol tixtri kafe' minn kaffetterija vicin izda hemm lemhet lill-imputat u malli ratu hemm bdiet twarrab izda l-imputat beda jghajtilha u jghidilha l-kliem "hamdilla assellam" bl-ilsien Gharbi. L-ahjar tifsira li setghet taghti ghal dan il-kliem kien hekk: "*Dik per ezempju wiehed se johrog minn sptar per ezempju ma jiflahx jghidu din il-kelma bl-Gharbi imma hu qisu ma nafx, u jien kont qisni f'xi sptar jew il-habs jew xi haga, hekk jghidu, jien kont hierga mill-Qorti u beda jghidli dan il-kliem*";

4. Wara li harget mill-kafetterija l-imputat beda jigri jsegwiha madwar il-Belt u dahlet f'hanut biex ma jibqax jigri warajha, stenniet ftit u meta rhaa qed iccempel telaq mill-hanut u wara li harget hi rega' kien qieghed barra u baqa' jigri warajha. Regghet dahlet f'hanut u osservatu miexi mal-genb sakemm ma baqax isegwiha u minn hemm nizlet lura lejn l-Ghassa tal-Pulizija;

5. L-imputat ghazel illi jixhed kif kellu kull dritt li jaghmel u cahad li qal dak il-kliem jew li kellem jew li avvicina lill-kwerelanta. Hu rrakonta kif dakinhar wara li hareg mill-Qorti mar jiehu kafe u ra lill-kwerelanta hierga mill-Qorti izda ma kellimhiex. Appena lesta l-kafe hareg 'l barra u mhux kif qalet il-kwerelanta li halla l-kafe' hemmhekk. Sakemm ha l-kafe' lahqet mxiet distanza kbira. Huwa spjega t-triq li ha biex hareg mill-Belt bil-mixi lejn Kastilja u fl-ebda mument ma ra lill-kwerelanta;

6. L-ewwel gravam tal-appellant li bih jillanja s-sentenza appellata jindirizza x-xhieda tal-parte civile u jressaq l-argument illi din ix-xhieda ma taqbel xejn ma' dik ta' WPC 334 li mkien ma tindika fl-affidavit taghha li kien hemm xi bzonn ta' intervent tal-pulizija sabiex l-appellant jitlaq minn fuq il-post tant li l-istess kwerelanta qalet li l-appellant '*baqa' sejjer*'. Ezaminata mill-gdid id-deposizzjoni tal-kwerelanta, ma jirrizultax li qalet li talbet l-intervent tal-Pulizija sabiex l-imputat jitlaq minn fuq il-post. Qalet biss illi wara li l-imputat telaq minn fuq il-post ddecidiet li tmur taghmel rapport lill-Pulizija: "*Imbaghad jien ghidt ahjar nerga' lura milli nkompli nimxi u joqghod jigri warajja, inziltha lura biex [nitilfu] intelfu jien ma jsibnix u ergajt l-Blet lura sal-Pulizija*";

7. Fl-istess aggravju, l-appellant iressaq l-argument illi l-frazi msemmija mill-kwerelanta qatt ma kienet tradotta u minn imkien ma jirrizulta mill-affidavit tal-Kuntistabbli li kien hemm tant theddid u perikolu li jimmerita sentenza ta' htija u piena fil-massimu taghha. Dan l-argument hu wiehed fierah. X'allegatament qal l-appellant lill-kwerelanta u xi jfisser dak id-diskors ma hu ta' l-ebda importanza fil-kwistjoni odjerna. Mhux mehtieg li ssir il-prova li l-allegata frazi hi wahda ta' theddid. Dan ghaliex id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jipprojbixxi lill-imputat milli jikkuntattja lill-kwerelanta jew li jkun f'distanza ta' mitejn metru minnha. Ifisser dan, illi anke f'kull kaz li jkun ghadda kumpliment lill-kwerelanta jkun ssoggetta ruhu ghall-possibbli ksur tal-ordni;

8. It-tielet ragunament tal-imputat huwa pjuttost ripetizzjoni tal-ewwel wiehed meta jghid li l-verzjoni tal-kwerelanta "*ma taqbel assolutament xejn ma' dik li hija qalet lill-Pulizija a tempo vergine*, *u din kienet biss xhieda qarrieqa u minfuha ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri u sabiex tigi zgurata sentenza ta' htija*". Gia fil-kontro ezami taghha, id-difensur tal-imputat qeghdilha l-mistoqsija ghaliex il-verzjoni tal-Pulizija ma tinkludix ir-rakkont kollu li xehedet quddiem il-Qorti u l-istess kwerelanta wiegbet illi meta taghmel rapport ma tistax tghid kollox ghaliex il-Pulizija ma jnizzlux dak kollu li tghid;

9. Il-Qorti, izda, ma tarax li hemm xi divergenzi bejn dak li xehedet l-ufficcjal tal-Pulizija u l-kwerelanta li jimmeritaw akkoljiment ta' dan l-aggravju. L-Ufficcjal tal-Pulizija rrakkontat dak li qaltilha l-kwerelanta li "*hu beda miexi warajja sakemm hi dahlet go hanut tal-hwejjeg u hu baqa' sejjer*". Quddiem il-Qorti l-kwerelanta spjegat f'aktar dettall dak li gara u hawn ma jirrizultax li din kienet xi percezzjoni hazina tal-kwerelanta li ghaliex rat lill-imputat ghaddej mit-triq marret dritt taghmel rapport. Ghazlet li taghmel ir-rapport wara li rnexxielha titilfu wara li dahlet f'hanut ghat-tieni darba u l-ewwel Qorti emmnet din il-verzjoni kontra dik tal-imputat;

10. L-appellant jillanja illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha sal grad rikjest mill-ligi u dan fl-isfond tar-ragunament illi huwa impossibbli li jkun ppruvat 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-intenzjoni tal-appellant kienet

verament li jsegwi lill-parte civile meta huwa ovvju li l-appellant kien ghadu hiereg mill-Qorti u kien sejjer fi triqtu. L_ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni temmen xhud minn iehor u dan mill-poter moghti lilha bl-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti izda f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt kien ppruvat minn zewg xiehda jew aktar. Il-fatt tal-kaz odjern ma jirrientrawx fl-eccezzjoni msemmija fl-artikolu 649 u ghalhekk il-Qorti setghet tistrieh fuq ix-xiehda ta' wiehed jew l-ohra;

11. Issa, jekk il-fatti juru li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq verzjoni l-wahda jew l-ohra u cioe' l-verzjoni accettata bhala l-verita' hija kontradetta mill-assjem tal-provi allura din il-Qorti jkollha raguni ghaliex tirrimpjazza dik id-diskrezzjoni. Fil-kaz odjern, izda, ma hemm xejn minn dan u ghalhekk ma tarax ghaliex ghandha b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti bid-diskrezzjoni taghha. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

12. L-appellant ma ressaq ebda gravam dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti ghajr, jekk jista' hekk jiftiehem, li la darba ma kienitx tradotta l-frazi msemmija mill-kwerelanta u konsegwentement allura ma kienx hemm it-theddid lamentat, allura ma kienx jimmerita sentenza ta' htija u piena fil-massimu permissibbli mill-ligi. Huwa biss fit-talba tieghu

tal-appell li l-imputat jitlob b'mod alternattiv, li l-piena ghandha tinbidel f'wahda aktar ekwa u gusta ghal-kaz odjern;

13. Il-kaz odjern jitlob ghal-sanzjoni li tirrifletti c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Persuna li favur taghha hemm ordni ta' protezzjoni mposta mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) minhabba nkwiet domestiku kif deskritt fir-rikors u digriet esebit in atti tistenna li tali ordni ma tkunx tissarraf biss f'karta miktuba. Hi biss l-ottemperanza shiha ma' dik l-ordni li verament toffri l-protezzjoni mposta u l-ksur taghha jirriavviza oltragg ghas-sistema aktar u aktar f'kazijiet ta' din in-natura sensittiva;

14. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha ticcensura d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena la darba din kienet fil-parametri tal-ligi;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.